

**Emenda 79****Bernd Lange**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

**Rapport****Bernd Lange**

Koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi

(COM(2021)0775 – C9-0458/2021 – 2021/0406(COD))

**A9-0246/2022****Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva****Paragrafu 1 a (ġdid)***=Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**Emenda*

***1a. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni anness ma' din ir-riżoluzzjoni;***

Or. mt

Għal skopijiet ta' informazzjoni, it-test tad-dikjarazzjoni huwa li ġej:

**“Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament (UE) 2023/... dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi**

Il-koerċizzjoni ekonomika tista' taffettwa kwalunkwe qasam tal-attivitajiet tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u jista' jkollha implikazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u legali kumplessi. Dan ir-Regolament huwa rispons meħtieġ u effettiv għall-koerċizzjoni ekonomika u jopera permezz ta' deterrenza iżda jista' jwassal għall-adozzjoni ta' kontromiżuri, fejn meħtieġ fl-aħħar istanza. Dan ir-Regolament ma għandu ebda preċedent, huwa mfassal bir-reqqa u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-implikazzjonijiet sinifikanti ta' każijiet ta' koerċizzjoni ekonomika. Minn dan isegwi li dan ir-Regolament u l-approċċi fih, b'mod partikolari l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 4, huma strettament speċifiċi għas-suġġett u ma jikkostitwux preċedent għal fajls leġiżlattivi oħra bbażati fuq l-Artikolu 207 tat-TFUE, jew biex jiġu proposti tali atti. Bl-istess mod, ir-regoli dwar l-użu tal-proċedura ta' eżami fir-rigward tal-miżuri ta' rispons tal-Unjoni miftiehma f'dan l-istrument ma jippreġudikawx l-eżitu ta' negozjati leġiżlattivi oħra li għaddejjin jew futuri u ma għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal fajls leġiżlattivi oħra. Dan ir-Regolament għalhekk ma għandux jitqies bħala preċedent għal atti oħra.”

